MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2004

Appell Civili Numru. 475/2002/1

**Raymond u Rose konjugi Avallone**

**vs**

**Therese Agius**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta' Novembru 2003 l-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat it-30 ta' Lulju tas-sena 2002 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallashom is-somma ta' elfejn Lira Maltin, (LM2000.00,0), oltre l-imghax legali mis-27 ta'

Novembru, tas-sena 2000, lilha mislufa skond skrittura tas-27 ta’ Novembru, tas-sena 2000, hawn annessa u mmarkata bhala dokument “A”;

2. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta’ sekwestru numru 1645/02 u bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata s-7 t’Ottubru tas-sena 2002 li permezz taghha l-konvenuta ecceppiet is-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-*causa* ta’ l-obbligazzjoni kienet wahda immorali u ghalhekk l-obbligazzjoni ivvantata mill-atturi hija nulla u mhux esegwibbli;

2. Subordinatament il-kunsens tal-eccipjenti ghas-self ivvantat kien ivvizzjat b’biza’ u bi vjolenza kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni u ghalhekk l-obbligazzjoni ivvantata mill-atturi hija nulla;

3. Illi subordinatament mhux minnu li l-atturi silfulha xi flus kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

4. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi sodisfatt is-suespost din il-qorti ghaddiet biex tikkonkludi din il-vertenza sommarjament kif tenuta ai termini ta’ l-artikoli 47, 171 (2), 213 u 215 tal-Kap.12;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-atturi, principalment l-attur, Raymond Avallone, stante li l-attrici hi biss involuta “ex lege” minhabba l-vinkolu legali li ghandha ma l-attur, qed jippretendi l-ammont ta’ elfejn Lira Maltin, (LM2,000.00,0), minghand il-konvenuta a bazi ta’ skrittura li kopja taghha giet annessa ma’ l-avviz li ta bidu ghall-procedura odjerna li permezz taghha l-attur sellef lill-konvenuta l-ammont fuq indikat;

2. Illi jirrizulta li din l-iskrittura, (ara fol 2), kienet miktuba mill-konvenuta stess, taht karta intestata bl-isem “Panache Boutique – Hair Salon, Prop. Theresa Grech, Manwel Magri Street, Hamrun, Malta – Tel. 234575”, u datata is-27 ta’ Novembru tas-sena 2000;

3. Illi l-istess kliem miktub fl-imsemmi dokument gie hekk miktub mill-istess konvenuta li ghazlet ukoll li tiffirma fil-konkluzjoni ta’ l-istess u tindika in-numru tal-karta ta’ l-identita’ taghha taht l-istess firma;

4. Illi jirrizulta pacifiku li Theresa Grech hija l-istess konvenuta Therese Agius, (ara fol 19), u l-fond indikat fl-istess skrittura hu hanut proprjeta’ tal-konvenuta minn fejn tiggestixxi n-negozju taghha indikat;

5. Illi effettivament jirrizulta li l-ammont indikat fl-iskrittura in dizamina gie regolarment mghoddi lill-konvenuta mill-attur, (ara fol 22);

6. Illi l-konvenuta qed tirrifjuta li trodd l-ammont lilha misluf mill-attur u ghalhekk ittiehdet din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenuta qed issostni l-illecita' tal-"causa" ta' l-obbligazzjoni in dizamina stante li kien hemm relazzjoni intima bejn il-konvenuta u l-attur li damet ghal madwar tlett (3) snin;

Illi inoltre l-istess konvenuta ssostni li kitbet l-iskrittura meritu ta' din il-procedura, (ara fol 2), ghaliex l-attur kien uza l-vjolenza fuqha;

Illi finalment il-konvenuta ssostni wkoll li effettivament l-attur qatt ma sellifha flus;

Illi ghalhekk qed tirrespingi t-talbiet attrici;

Ikkunsidrat:

Illi kwantu ghall-kwistjoni tal-kawza illecita sollevata mill-konvenuta ghandu sintetikament jinghad is-segwenti:

1. Illi l-Baudry- Lacantinerie fit-"Trattato di Diritto Civile – Delle Obligazioni – Vol. I, p.355 effettivament isostni, kif suffragat minn awturi insinji ohra ikkwotati minnu, li:

*"Quando la causa consiste nella promessa di compiere un fatto…anche soltanto contrario alla morale…e' radicalmente nulla l'obbligazione, che alcuno assuma, di pagare una certa somma di denaro ad una donna, come prezzo della promessa che questa gli fa di annodare e continuare con lui relazioni illecite";*

2. Illi jidher li din it-tezi rigida sabet terren fertili lokalment u effettivament din ghadha hekk applikata Malta kif jirrizulta mid-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Fortunato Vella vs Dorothy Baldacchino, datata l-4 ta'Ottubru ta' l-1996;

3. Illi in sintesi estrema f'din l-imsemmija decizjoni gie ritenut is-segwenti:

a. Illi r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet wahda illecita;

b. Illi la allura rrizulta li din ir-relazzjoni hi wahda li mhix permessa mil-ligi peress li l-attur kien qed jikser l-obbligu ta’ fedelta’ li hu kellu lejn il-mara tieghu stante li kien ukoll mizzewweg, it-talba attrici ghal rifuzjoni ta’ ammont ta’ flus misluf lill-konvenuta f’dik il-kawza giet respinta;

Ikkunsidrat:

Illi nonostante is-suespost pero’ ghandu jkun pacifiku li:

“*nullus commodum capere potest de injuria sua propris”;*

Illi in effetti l-attitudni kurjali indikata aktar qabel mhux biss tidher li tippekka mill-principju li wiehed m’ghandux jiggwadanja mill-hazen tieghu stante li l-moralita’ qatt m’ghandha tintuza bhala paraventu ghall-immoralita’, izda tidher li tippekka wkoll mill-aspett strettament analitiku tal-problematika in dizamina stante li tidher li tikkonfondi l-motiv illecitu mal-kawza illecita;

Illi fil-procedura odjerna jirrizulta li l-iskop ghas-self in dizamina kien biex l-attur jghin lill-konvenuta tissupera xi diffikultajiet finanzjarji li hi kienet qed tiffaccja fil-gestjoni tan-negozju taghha fuq indikat;

Illi ghalhekk ghandu jkun ovvju li s-somma prestata mill-attur kienet destinata ghal skop specifiku lecitu senjatament il-kontinwazzjoni legittima tan-negozju gestit mill-istess konvenuta li hu distint mir-relazzjoni intima pjuttost durevoli li l-partijiet kellhom bejniethom;

Ikkunsidrat:

Illi apparti s-suespost, l-ewwel eccezzjoni preliminari proposta mill-konvenuta tissolleva wkoll problemi ferm aktar delikati ta’ natura ta’ dritt pubbliku li jimmeritaw ferm aktar approfondiment minn dak dedikat stante li dak li ssostni l-konvenuta, konfortata kif inhi mid-decizjoni tal-Prim’Awla fuq indikata, jaffettwa d-dritt fundamentali ta’ l-attur ghal smiegh xieraq, oltre d-dritt fundamentali tieghu

ghall-proprjeta' kif sanciti mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem;

Illi pero' stante li dawn il-kwistjonjiet m'humiex ta' kompetenza stretta taghha din il-qorti hi kostretta tibqa' siekta fir-rigward tad-diskriminazzjoni li tista' tirrizulta;

Ikkunsidrat:

Illi inoltre jirrizulta wkoll li l-Kunsill ta' l-Ewropa, li Malta ilha tifforma parti minnha sa mis-snin sittin jirrakkomanda lill-Istati Membri permezz tar-Rakkomandazzjoni Numru R (88) 3 tal-Kunsill ta' l-Ewropa adottata mill-Kunsill tal-Ministri fl-415 il-laqgha tad-Deputati tal-Ministri fis-7 ta' Marzu ta' l-1988 li lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri jiehdu l-passi necessarji:

*"i. to ensure that contracts relating to property between persons living together as an umarried couple, or which regulate matters concerning their property either during their relationship or when their relationship has ceased, should not be considered to be invalid solely because they have been concluded under these conditions";*

Ikkunsidrat:

Illi l-evoluzzjoni tal-principju in dizamina hawn karpita hi wkoll konfortata mid-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Buttigieg pro et noe vs L-Avukat Generali et fejn in sintesi gie wkoll ritenut li d-diskriminazzjoni legali kontra illegittimi tincidi b'mod negattiv fuq id-dgawdija tal-hajja familjari kif protetta mill-Konvenzjoni Ewropea fuq riferita;

Illi ghalhekk dan id-dritt fundamentali tal-attur jista' jigi effettwat negattivament kemm-il darba din il-qorti ma tiehux in konsiderazzjoni l-evoluzzjoni legali u civili in dizamina;

Ikkunsidrat:

Illi din it-tendenza baqghet tizviluppa lokalment anke legislattivament meta fl-emmendi ricenti ghall-Att dwar is-

Sigurta' Socjali, Kap. 318, it-tifsira tal-kelma "familja" giet radikalment hekk mibdula biex taqra li tfisser:

*"…persuna wahda li fl-opinjoni tad-Direttur tkun tabita wahedha jew zewg persuni jew izjed li fl-opinjoni tad-Direttur ikunu jabitaw flimkien bhala familja;"*

Ikkunsidrat:

Illi in oltre, fl-Abbozz Numru 15 tas-sena 2003, abbozz intiz biex ikompli jemenda l-Kodici Civili, Kap.16, datat is-17 t'Ottubru tas-sena 2003, din it-tendenza kompliet tigi zviluppata u estiza stante li qed jigu proposti emendi notevoli intizi biex jirregolarizzaw fost l-ohrajn il-filjazzjoni ta' ulied imnissla u mwielda barra miz-zwieg, u dan, naturalment f'relazzjonijiet anke extra-maritali;

Illi, fost l-ohrajn, l-ghan principali deskritt anke fl-"Ghanijiet u Ragunijiet" ta' l-istess abbozz indikat fil-paragrafu precedenti hu:

*"…li jigu eliminati certi disposizzjonijiet diskriminatorji…";*

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-premess hu obbligatorju illi wiehed jaqra, jifli u jifhem is-sinjali taz-zminijiet stante li kif kien qal ben tajjeb l-Avukat Generali Feuilloley, (Baudry – Lacantinerie: Trattato di Diritto Civili – Delle Obbligazioni; Vol.I, p.367:

*"Altri tempi, altri costumi; altri costumi, altra legislazione; altra legislazione, altra gurisprudenza";*

Illi ghalhekk, tenut kont ta' l-evoluzzjoni istituzzjonali fuq sintetikament elenkata, mhux aktar permess li l-principju tac-certezza tad-dritt – specjalment meta dan issa jirrizulta erroneu - jintuza biex ixekkel, jofuska u jintralca l-izvilupp socjali riskontrat:

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta ghaqli wkoll in subsiduim li tigi indirizzata l-kwistjoni delikata ta' l-arrikkiment indebitu li l-konvenuta tkun qed taghmel kemm-il darba tigi ipotetikament milqugha l-ewwel eccezzjoni taghha;

Illi r-rekwiziti ta' l-azzjoni ekwitattiva "*de in rem verso*" gia` gew abbilment stabbiliti fil-kawzi fl-ismijiet segwenti u f'dawk fihom citati, u din il-qorti ma tara l-ebda htiega li tirrepeti dak gia' riskontrat bl-aktar mod erudit fis-segwenti decizjonijiet:

a. Prim'Awla tal-Qorti Civili: Pulis vs Ellul et, datata t-30 ta' Novembru ta' l-1935, Vol.XXIX, p.II, p.812;

b. Prim'Awla tal-Qorti Civili: Said et vs Testaferrata Bonnici Ghaxaq et, datata is-16 ta' Gunju ta' l-1936, Vol. XXIX, p II, p.1105;

c. Qorti ta' l-Appell: Brincat vs Fleri noe. et datata t-30 ta' Mejju ta' l-1938, Vol. XXX, p.I, p.666;

d. Qorti ta' l-Appell: Ford noe vs Galea, datata d-29 ta' Jannar ta' l-1940, Vol.XXX, p.I, p.466;

e. Qorti ta' l-Appell: Bondi` vs Abdilla et, datata l-14 ta' Marzu ta' l-1949, Vol. XXXIII, p.I, p.447;

Illi sintetikament pero' ir-rekwiziti ta' din l-azzjoni huma s-sewgenti;

1. L-arrikkiment;

2. Il-vinkolu tal-kawzalita';

3. Il-karattru ingust ta' l-arrikiment;

Illi l-Baudrey, (Obbligazioni Vol.IV, p.527):

"*…oggi tutti ammettono, conformemente alla tradizione, l'esistenza dell'azione 'de in rem verso'";*

lli din l-azzjoni hi bbazata fuq l-ekwita' li t-Touillier isejhilha, (Vol.XI, n.55, para.3, nn.58):

"*Questa grande regola di morale e di guistizia naturale;"*

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti kif fuq esposti jistabbilixxu minghajr dubju li l-konvenuta arrikkiet ruhha bl-ammont ta' flus li l-attur ipprestalha kif indikat hi stess fl-iskrittura privata taghha datata s-27 ta' Novembru tas-sena 2000;

Illi l-ammont hekk karpit gie minnha utilizzat fin-negozju taghha;

Illi ghalhekk jirrizulta li l-iskop li ghalih inkitbet l-iskrittura fuq riferita gie milhuq;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk jirrizulta li t-tlett rekwiziti ta' l-istitut in dizamina gew regolarment sodisfatti billi:

1. jirrizulta l-vantagg tal-konvenuta fl-awment tal-patrimonju taghha;

2. jirrizulta li hemm il-vinkolu legalment necessarju bejn il-kawza u l-effett billi l-flus li l-konvenuta irceviet uzathom esklussivament ghall-iskop li nghatawlha;

3. jirrizulta li l-konvenuta qed tirrifjuta li tonora l-obbligu taghha li tirrifondi l-ammont lilha misluf;

Ikkunsidrat:

Illi rigward l-eccezzjoni ulterjuri sottomessa mill-konvenuta li l-kunsens taghha kien ivvizjat minhabba biza' u vjolenza, ghandu jinghad li din il-qorti tqis l-istess eccezzjoni inverosimili l-ewwel nett peress li ma gietx pruvata skond il-ligi; subordinatament peress li l-agir tal-kovnenuta li tibqa' fir-relazzjoni taghha ma' l-attur ghall-perjodu

konsiderevoli wara l-allegata vjolenza ma jimmilitawx favur it-tezi taghha, u finalment stante li l-provi minnha mressqa f'dan ir-rigward ma jimmeritawx l-avall ta' din il-qorti;

Illi ghalhekk din it-tieni eccezzjoni qed tigi ukoll skartata;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tas-suespost it-tielet eccezzjoni ma treggix u qed tigi wkoll skartata;

Ghaldaqstant din il-qorti, in vista tal-problematika komplessiva suesposta u tenut kont tal-massima Latina: "***Nulla practione effici potest ut dolus praestetur***", filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta, takkolji t-talbiet attrici u konsegwentement:

1. Tordna lill-konvenuta Therese Agius thallas lill-atturi Raymond u Rose konjugi Avallone l-ammont ta' elfejn Lira Maltin, (Lm2,000.00,0), oltre l-imghax legali mis-27 ta' Novembru, tas-sena 2000, lilha mislufa skond skrittura datata s-27 ta' Novembru tas-sena 2000;

2. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 1645/02."

Il-konvenuta appellat minn din is-sentenza bl-aggravji nfraskritti:-

(1) L-ewwel Qorti ssollevat argomenti li lanqas biss gew sollevati u trattati mill-partijiet, u inoltre bosta minnhom huma rrilevanti ghall-fattispeci tal-kaz odjern;
(2) It-tip ta' relazzjoni bejn il-kontendenti, *qua* kawza ta' obbligazzjoni, tirrendi dik l-obbligazzjoni immorali u nulla;
(3) L-ewwel Qorti ma gharbletx kif jixraq il-fatti; in partikolari, l-istqarrija dikjarata taghha li hi qatt ma rceviet flejjes b' self. Ugwalment, tikkontendi, li dik l-istess Qorti skartat il-provi taghha tal-vjolenza adoperata fuqha mill-attur;

(4) Il-principju tad-“*de in rem verso*” applikat mill-ewwel Qorti gie rregolarment sollevat minn dik il-Qorti. Dan anke ghaliex jekk l-obbligazzjoni hi nulla, il-principju xorta wahda ma ghandu l-ebda effett;

It-twegiba ta’ l-atturi appellati ghal dawn l-aggravji qed tigi hekk ri-epilogata:-

(I) L-attur ipprova l-kaz tieghu tas-self, anke permezz ta’ xhieda;
(II) Ma jaghmelx sens dak dikjarat mill-konvenuta appellanti illi l-iskrittura, ossija d-dikjarazzjoni *in iscritto* taghha ta’ kostituzzjoni ta’ debitu saret b’ konsegwenza ta’ vjolenza kommessa fuqha meta hi ssoktat f’ relazzjoni ma’ l-attur ghal perijodu ta’ sentejn wara r-redazzjoni taghha;
(III) Is-self sar indipendenti mir-relazzjoni intima li l-partijiet kellhom flimkien u mhux b’ konsegwenza ta’ l-istess;
(IV) Sewwa wkoll irragunat l-ewwel Qorti meta applikat il-principju dwar l-arrikkiment indebitu;

Qabel ma jigu ezaminati l-kwestjonijiet kollha ta’ natura fattwali u legali sollevati f’ dan l-appell, din il-Qorti tixtieq tirregistra l-osservazzjoni illi, kif korrettement ravvizat mill-appellanti, uhud mill-argomenti additati mill-ewwel Qorti ma jghoddu xejn mal-fattezzi ta’ dan il-kaz. B’ mod partikulari dan qed jigi hekk dedott in meritu tal-konsiderandi dwar il-kawza illecita eccepita u tal-punt ta’ l-arrikkiment indebitu. Fil-kaz ta’ l-ewwel il-gurisprudenza tal-Qrati taghna kellha tiggwida b’ mod effikaci lill-ewwel Qorti dwar ir-rizoluzzjoni ta’ dik il-kwestjoni; fil-kaz tat-tieni, l-azzjoni suggerita minn dik l-istess Qorti hi biss rimedju sussidjarju koncess limitatament f’ kaz li ma hijiex esperibbli l-azzjoni *ex contractu*. (Ara sentenza ta’ din il-Qorti fl-ismijiet “**Blye Engineering Co. Ltd -vs- Victor Balzan et**”, 23 ta’ Gunju 2004.) F’ dan il-kaz il-bazi tad-domanda ta’ l-atturi tendenti ghas-sodisfaciment tal-pretiza taghhom hi dik kontrattwali emanenti mid-dokument tas-self a fol. 2 tal-process;

Premessi s-suesposti konsiderazzjonijiet li jghoddu wkoll, b’ riflessjoni, fir-rigward ta’ l-ewwel u tar-raba’ aggravju,

jirrizulta li din il-kawza tikkonsisti minn talba ghar-radd lura ta’ somma komplessiva ta’ flus li l-attur appellat jallega li silef lill-appellanti. Din min-naha taghha tikkontrapponga b’ difiza, u bl-iskop li tittanta tehles mill-obbligazzjoni kontrattwali assunta minnha fil-precitata dikjarazzjoni, l-eccezzjoni li gjaladarba l-kawza ta’ l-obbligazzjoni kienet naxxenti minn illecijeta` allura dik l-obbligazzjoni kienet nulla. Din l-illecijeta`, kif sottomess mill-appellanti, tinsorgi mill-fatt illi hi u l-attur, ragel mizzewweg, kellhom rapport ta’ konvivenza “immorali” bejniethom;

Huwa evidenti min-natura stess ta’ l-eccezzjoni illi l-konvenuta qeghda tiffonda t-tezi taghha fuq id-dispost ta’ l-Artikolu 987 tal-Kodici Civili li jafferma li “l-obbligazzjoni minghajr kawza, jew maghmula fuq kawza falza jew illecita`, m’ ghandha l-ebda effett”. Ma’ dan l-artikolu hu abbinat dak l-iehor a norma ta’ l-Artikolu 990 ta’ l-istess Kodici li jippreciza li “l-kawza hija illecita` meta hija pprojbita mil-ligi jew kuntrarja ghall-eghmil xieraq jew ghall-ordni pubbliku.”;

Minn dan jitnissel illi sabiex treggi d-deduzzjoni ta’ l-appellanti hekk opposta minnha ghat-talba ta’ l-atturi hi jehtiegilha tiddemostra illi s-self sarilha bhala kumpens ghal favuri illecti prestati. Dan ghaliex kif akkolt minn certa gurisprudenza “*cioe che viene dato in compenso di favori illeciti o per la speranza di futuri favori illeciti o continuazioni degli stessi costituisce una causa illecita, e non puo essere reclamato, ed anche quando il convenuto avesse promesso il pagamento non sarebbe tenuto ad effettuarlo.*” (**Kollez. Vol. XII pagna 570**);

Dan premess, huwa ferm importanti li jigi osservat ukoll illi l-gurisprudenza taghna fuq is-suggett ta’ self bejn konkubini qaghdet ferm attenta li taghmel id-dikotomija bejn dak li jinghata minn wiehed mill-konkubini lill-konkubin l-iehor bhala konsiderazzjoni diretta tar-rapport stess tal-konkubinagg u dak li jinghata b’ rizultat ta’ rapport kontrattwali veru u proprju, indipendentement u awtonimament mir-relazzjoni intima ta’ bejniethom. Difatti jinsab konkordament ricevut illi mhux kull negozju jew ftehim li jsir bejn konkubini hu *ipso facto* u

ndiskriminalment illecitu. Kif sostenut mill-Qorti tal-Kummerc fuq it-taghlim tal-**Laurent** ("Principii di Diritto Civile, Vol. XVI, para. 152 *et seq.*), "*non bisogna conchiudere che ogni obbligazioni assunta da un uomo a favore di una donna con la quale egli ha illecita relazione sia necessariamente contraria ai buoni costumi*" ("**Emma Perotti -vs- Negte Antonio Vella Zarb *nomine***", 14 ta' Jannar 1927 a **Vol. XXVI P III p 706**);

Issokta jigi puntwalizzat fis-sentenza "**Anna Acargale -vs- Emanuele Cutajar**", Appell, Sede Inferjuri, 16 ta' Marzu 1934 (**Vol. XXVIII P I p 972**) illi "*ammettendo che i contendenti vivevano in concubinato e che il mutuo è stato fatto nel periodo della loro convivenza, non percio` il citato potrebbe esonerarsi dalla restituzione del mutuo che è da lui moralmente quanto civilmente dovuto. Il credito dell' attrice ha per causa il mutuo e spese giudiziarie, e non come si allega che sia il corrispettivo promesso dall' attrice per i favori e gli amplessi illeciti del convenuto. Il mutuo fatto dalla concubino al suo drudo, pur potendo avere come causa occassionale la relazioni di concubinato, ha pero` come causa diretta una causa lecita, e l' obbligazione che ne risulta è legale senza che per esonerarsi dalla stessa il debitore possa opporre la illeceita` della causa di tale operazione.*" F' dan l-istess sens huma s-sentenzi fl-ismijiet "**Antonia Bonnici -vs- Giuseppe Dimech**", Qorti Civili, Prim' Awla, 5 ta' Mejju 1928 (**Vol. XXVII P II p 87**) u "**Margaret Woodall -vs- Anthony Rapa**", Appell, Sede Inferjuri, 19 ta' Novembru 2001;

Jezistu wkoll decizjonijiet fejn l-istess kuncett gie enuncjat f' sens uniformi meta, bhal f' dan il-kaz, is-self isir mill-konkubin lill-konkubina. Ara "**Pietro Muscat -vs- Adelaide Farrugia *et***", Appell Civili, 12 ta' Jannar 1931 a **Vol. XXVIII P I p 1**, fejn, incidentalment, dejjem fuq l-insenjament tal-**Laurent**, jinsab affermat illi "*non si deve pero` concludere che qualunque obbligazione rilasciata a favore di una donna con cui il sottoscrittore mantiene una relazione illecita sia necessariamente contraria ai buoni costumi.*" Ara wkoll "**Gerardo Mackay -vs- Camilla Bianco German *et***", Qorti Civili, Prim' Awla, 14 ta' Marzu

1946 (**Vol. XXXII P II p 267**) u "**Anthony Joseph Bajada -vs- Pauline Lumb**", Qorti Civili, Prim' Awla, 29 ta' Marzu 1955 (**Vol. XXXIX P II p 696**). F' din l-ahhar sentenza ntqal li "jekk il-flus ikunu gew mislufa bhala negozju indipendenti, avvolja fiz-zmien tal-konkubinat, in-negozju hu validu; u hija kwistjoni ta` fatt li ghandha tigi ezaminata mill-gudikant f' kull kaz specifiku skond ic-cirkustanzi, jekk kienx hemm din il-konnessjoni tan-negozju mal-konkubinat.";

Mhux kontrastat f'dan il-kaz illi bejn il-partijiet kien jezisti rapport ta' konkubinagg bejn l-attur u l-appellanti. Din ta' l-ahhar pero` filwaqt li tafferma t-tezi ta' l-illecijeta` ta' l-obbligazzjoni topponi wkoll, fl-istess nifs, illi hi nghatat flejjes, b' titolu ta' mutwu biex jassistuha fil-kummerc taghha, jew bl-obbligazzjoni li hi troddhom lura. Dan issostnih fil-kontradittorjeta` ta' l-obbligazzjoni minnha assunta bid-dokument a fol. 2 tal-process. Dokument dan li jirrikonoxxi taht il-firma taghha li hi sselfet is-somma hemm indikata ta' elfejn lira (Lm2000) u obbligat ruhha wkoll li tirrifondiha lura. Apparti dak li ser jinghad aktar l-isfel fir-rigward ta' l-aggravju dwar li l-kunsens taghha kien karpit bi vjolenza meta rredigiet u ssottoskriviet l-imsemmi dokument, din il-Qorti ssib li l-versjoni ta' l-attur appellat ghandha tkun, skond ri-evalwazzjoni tal-provi, aktar ippreferita`, anke ghaliex din hi, kollox ma' kollox, aktar konformi ghall-verita`. Dan fis-sens li s-somma pretiza ma tiffigurax bhala kumpens ghal favuri karnali izda verament biex jassisti lill-konvenuta fin-negozju taghha, anke ghaliex din, kif rikonoxxut mix-xhud taghha, Rita Abela, (fol. 16) kellha problemi finanzjarji. Din il-Qorti hi sodisfatta wkoll li dan is-self sar lill-konvenuta u li l-attur appellat dan ipprovah, kemm b' dokumenti kif ukoll b' xhieda estranei (ara diposizzjoni ta' John Beirne, zewg bint il-konvenuta, fol. 28 u fol. 38 u John Ellul, fol. 42). Fir-rigward ta' dawn ix-xhieda l-appellanti illimitat ruhha biex tghid li ta' l-ewwel hu "konfoffa" ma' l-attur mentri li l-iehor kien iddikjaralha li "kien qed jibza'". Bl-ebda mod pero` ma mpenjat ruhha bl-ghodda tal-kontroezami biex verament tiskossa l-istqarrijiet taghhom;

Dan premess jifdal x' jigi konsiderat l-aggravju ta' l-appellanti dwar l-allegata vjolenza perpetrata fuqha mill-attur fl-okkazjoni ta' meta hi kitbet u ffirmat id-dikarazzjoni li permezz taghha rrikonoxxiet is-self lilha maghmul.  B' dan l-aggravju, bazat kif inhu fuq it-tieni eccezzjoni taghha, l-appellanti qeghda tivvanta li dak id-dokument ma ghandu l-ebda forza vinkolanti ghax vizzjat minn effetti tal-vjolenza adoperata.  B' din id-deduzzjoni l-appellanti tapporta s-sitwazzjoni taghha ghal dak stabbilit fl-Artikolu 974 tal-Kodici Civili, u cjoe, "jekk il-kunsens ikun gie moghti bi zball, jew mehud bi vjolenza, jew b' ghemil doluz, ma jkunx jiswa."  Dan kif ulterjorment amplifikat fl-Artikolu 978 tal-Kapitolu 16.  Vjolenza din illi, jekk provata, iggib in-nullita` tal-konvenzjoni maghmula.  Dan minhabba l-inezistenza assoluta tal-kunsens;

Anke hawn pero` jinsab precizat illi "il-kwestjoni jekk hemmx vjolenza hija ndagini li hija mhollija interament fil-prudenza tal-gudikant" (**Kollez. Vol. XXIX  P II p 749**);

Fil-kuntest tal-fatti emergenti mill-process din il-Qorti mhix konvinta illi fl-okkazjoni li tat lok ghall-iskrittura tar-rikonoxximent tas-self kien hemm perkossi u vjolenza fizika.  Din il-konvinzjoni taghha l-Qorti qed tibbazaha fuq il-konsiderazzjoni indotta mill-imgieba ta' l-istess appellanti posterjuri ghas-27 ta' Novembru 2000, data li fiha saret id-dikjarazzjoni sussegwenti (21 ta' Marzu 2003. Ara okkorrenza a fol. 30), l-appellanti kienet anke f' dik l-okkazjoni l-ohra tirrikorri lill-Pulizija ghall-protezzjoni taghha u biex jittiehdu l-proceduri penali opportuni.  Il-konvenuta ma kienetx mizzewga lill-attur appellat u anzi kienet libera, kif hekk del resto ghamlet aktar tard, li mhux biss tiehu l-passi opportuni biex thares il-persuna taghha izda wkoll li taghzel li ma taghmelx dak li ried l-appellat.  F' dan is-sens u kuntest l-argoment dedott fir-rikors ta' l-appell taghha riferibilment ghall-vjolenza domestika.  Zgur li hadd u xejn ma kien jikkostringi lill-appellanti tibqa' f' relazzjoni minkejja l-allegata vjolenza;

Din il-Qorti mbaghad tadduci raguni ohra in manifestazzjoni tan-nuqqas ta' konvinzjoni taghha.  Wiehed kien logikament jistenna li l-appellanti, una volta

stronkata r-relazzjoni, tghaddi biex timpunja l-iskrittura fuq il-bazi ta' l-istess vjolenza minnha allegata u b' hekk tannulla l-obbligazzjoni minnha assunta tal-hlas lura tas-somma mislufa. Annullabilita` din li wiehed kien jistenna li hi tippromwovi permezz tad-debita azzjoni jew ghallanqas li titlob lill-Qorti tissopressjedi sakemm tattakka dik l-obbligazzjoni. Minn dan kollu l-konvenuta ma ghamlet xejn izda biss adduciet l-allegazzjoni ghax rinfaccjata bl-azzjoni ghall-hlas;

Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma ssibx li l-konvenuta appellanti rnexxielha, f' sens sostanzjali, li tipprova u tikkonvinci l-bazi ta' din l-allegazzjoni minnha vantata u minnha promossa b' difiza. Certament din il-Qorti ma tistax taccetta l-assunt guridiku illi "l-kitba ma tqattatx ghaliex ma kienetx taf x'ser isir" (fol. 58). Is-sitwazzjoni, kif deskritta u allegata minnha, kienet zgur timmerita mpenn aktar vigoruz biex hi ssostni l-fondatezza ta' l-istess allegazzjoni;

In vista tal-konsiderazzjonijiet premessi din il-Qorti ma tistax lanqas taccetta dan l-aggravju taghha.

Ghall-motivi kollha suesposti din il-Qorti tichad l-appell avvanzat mill-konvenuta u b' hekk, anke jekk issa ghall-konsiderazzjonijiet differenti, tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------